**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Caroline Zammit**

**Kumpilazzjoni Numru: 299/12**

**Illum, 19 ta' Settembru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Caroline Zammit detentrici tal-karta tal-identita` numru 4999575(M).

Akkuzata talli fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Marzu 2012 u l-04 ta' Marzu 2012, gewwa dawn il-Gzejjer:-

1) Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car permezz ta' xi arma regulari jew irregulari, strument jew ghodda ohra, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lynn Abela, jew gibtilha disordni f'mohhha w li liema hsara setghat ggib periklu ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz u dan skond ma iccertifika Dr. Rebecca Galea MD (Reg. No. 5292) mill-Isptar Mater Dei.

2) U aktar talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi kisret il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju w glied.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tal-imputata, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Lynn Abela u tapplika l-provvedimenti tal-Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) li biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom ghandha tinstab htija u dawn huma:

- Fl-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 383, 384, 385, 386 u 387 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha; i

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat griehi gravi fuq il-persuna ta' Lynn Abela mill-imputata u dan bejn it-tlieta (3) ta' Marzu u l-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) gewwa l-MFCC go Ta' Qali.

Illi l-Qorti semghet ix-xiehda b'mod specjali tal-vittma u cioe` **Lynn Abela** nhar il-hdax (11) ta' Frar elfejn u tlettax (2013) fejn din irrakkontat x'gara dakinhar

tal-incident fejn hija qalet li hi u l-akkuzata kienu hbieb izda xi sena u nofs qabel ma kienux baqghu. Hi tghid testwalment:

> ***"Konna ghadna dehlin u kif qed nghidlek, kienu qabzu nofs il-lejl (12.00) dak il-hin waqafna nitkellmu, konna group, f'daqqa wahda nhoss lil xi hadd jigbidni mill-parrokka, ghax kelli l-parrokka, naf li spiccajt ma' l-art u n-nies kollha qishom daru ma kien hemm hadd madwarna, nerga nqum u nara lil Caroline u r-ragel taghha quddiemi, r-ragel taghha zammli idejja u Mrs. Caroline Zammit giet bit-takkuna u tatni daqqa go wicci bit-takkuna".***

Ix-xhud spjegat illi bid-daqqa hija marret l-isptar biex tiddewwa u bil-konsegwenza kellha taghmel tmien (8) punti f'wicca li sa dakinhar tax-xiehda taghha ma kienux aktar jidhru.

Xehdet ukoll <u>**Doriette Marmara**</u> li kienet wahda mill-grupp ta' hbieb li kienu qed jakkumpanjaw lil Lynn Abela dakinhar fejn hija rrakkontat li dakinhar kienu marru "Boogie Night" fl-MFCC Ta' Qali u kif kienu ghadhom kif dahlu meta kienu fil-VIP *area* raw lill-akkuzata u lil zewgha Charlie Zammit. Hija tghid testwalment illi ***"f'daqqa wahda Lynn tispicca mal-art u hafna panic u hekk jiena ma stajtx nara sew ghax jien ghattewni l-bodyguards u hafna nies u f'daqqa wahda nara lil Lynn twarrab wara li kienu qed jiggieldu u kollox u x'hin rat lili Caroline Zammit giet tigri warajja biz-zarbun u zammha Chalie Zammit".***

Ix-xhud tispjega illi hija effettivament ma ratx l-incident isir izda taf li wara li spicca kollox rat lil Lynn bid-demm f'wiccha u qaltilha sabiex imorru l-isptar.

Xehdet ukoll **Karen Falzon** li kienet wahda mill-hbieb ta' Lynn Abela dakinhar tal-incident izda illi ma rat xejn mill-incident ghax kienet intilfet minn maghhom.

Rat ic-certifikat mediku ta' Dr. Rebecca Galea immarkat Dok DB4 li jikkonferma illi Lynn Abela kienet sofriet minn lacerazzjoni fonda fl-erbgha (4) ta' Marzu elfejn u tnax (2012) izda dan ic-certifikat qatt ma gie kkonfermat bil-gurament min-naha tat-tabiba ghaliex din qatt ma dehret u ghalhekk finalment id-difiza ezentat il-prosekuzzjoni milli ttellaghha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Zammit** datata ghaxra (10) ta' Marzu elfejn u erbatax (2014).

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputata **Caroline Zammit** fejn hija spjegat li kienet taf lil Lynn Abela u lil Doriette Marmara tramite attivitajiet li kien ikollhom it-tfal taghhom izda kif kienet xehdet Lynn Abela dawn ma kienux baqghu aktar hbieb u wara dan huma bdew jghidulha hafna kliem tant hu hekk illi kienu jaghmlulha telefonati kontinwi bla sens u l-imputata tghid illi hi kienet tirraporta l-ghassa u s-surgent kien jghidilha sabiex ma taqax ghalihom. L-imputata tirrakonta li dawn il-grajjiet kienu effettwawha hafna tant illi kellha tmur ghand psikologa (vide rapport taghha mmarkat Dok CZ 2).

L-imputata tirrakonta il-mumenti ta' qabel l-incident u tghid li ***"f'daqqa wahda jahtafni xi hadd imma anqas jien ninduna u mbaghad indur hekk ghax xi hadd beda jigbidni minn xaghri u kien hemm Lynn fuqi. . . .Lynn bdiet iggebbidni minn go xaghri. . . . Le Lynn hatfitni minn wara u spiccajt wahda minn quddiem u ohra minn wara. Ir-ragel beda jferridna u hekk, kien hemm xi hbieb ta' Lynn Abela bdew izommu lilha ghax she is a big girl hi, konfuzjoni u hekk. Imbaghad huma qalu li kellha xi stitches go . . .".***

Fuq mistoqsija maghmula mill-avukat difensur a rigward il-griehi li kienu saru allegatament bit-takkuna taz-zarbun taghha, hija tghid illi hija kienet liebsa *boots* twil u mhux zarbun.

Xehed ukoll ir-ragel tal-imputata u cioe` **Charlie Zammit** li kkonferma illi l-glieda bdiet ghaliex Lynn Abela giet fuq il-mara tieghu u aggredietha u bdiet taghtiha bil-basket u tigbdilha xahra.

**Nathalie Guazzo** li kienet ukoll mal-imputata dakinhar u tghid illi ftit wara li dahlu fil-*party* gew zewg persuni fuq Caroline u daru maghha u hija rat corma nies u xi hadd jimbotta.

Illi mill-assjem tal-provi hargu zewg verzjonijiet konfliggenti ghall-ahhar, wahda tal-vittma li tghid illi l-imputata aggredietha. Incidentalment din il-verzjoni ma

giet ikkorraborata mill-ebda xhieda tal-prosekuzzjoni ghaliex hadd min-nies li kienu hemm maghha dakinhar qidu ma ra xejn jigri. Hemm min-naha l-ohra il-verzjoni tal-imputata illi tghid illi Lynn Abela giet taggrediha u din ix-xhieda giet ikkorraborata mix-xhieda tar-ragel taghha Charlie Zammit u minn dik ta' Nathalie Guazzo.

Illi din il-Qorti hija propensa illi tqis il-verzjoni tal-imputata bhala wahda kredibbli izda ghadha perplessa ghaliex Lynn Abela giet taggredixxi lill-imputata ghal xejn b'xejn ghaliex la mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-anqas minn tad-difiza ma harig il-motix ta' tali agir.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi u taqta' billi ma ssibx lill-imputata **Caroline Zammit** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u tilliberaha minnhom.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**